MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1097/2004

**Simonds Farsons Cisk plc**

**Vs**

**Emanuel Xerri**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm583.15 (hames mija u tlieta u tmenin lira Maltin u hmistax-il centezmu) bilanc ta' somma akbar prezz ta' prodotti ta' xorb mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2003 u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-29 ta’ Mejju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-8 ta’ Lulju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------